MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Mejju, 2012

Numru. 454/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J.Farrugia)**

**vs**

**Alan Azzopardi**
**Stephen Cassar**

**Illum, 1 ta' Mejju, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Stephen Cassar,** ta' 27 sena, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Awwissu, 1984, bin Joseph u Mary nee' Falzon, u residenti f' 'JoeMar', Triq id-Drama, Hal Qormi, detetntur ta' karta ta' l-identita' numru 406184(M) ; u

**Alan Azzopardi**, ta' 27 sena, imwieled Pieta', nhar is-06 ta' Novembru, 1984, bin Raymond u Maria Dolores nee' Montanaro, u residenti gewwa numru 45, Hacienda, Triq id-Dielja, Hal Qormi detentur ta' karta ta' l-identita' numru 532384(M)

Akkuzati talli nhar id-29 ta' April, 2012 minn gewwa l-Marsa u f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ikkomettew serq ta' propjeta (diesel) min gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni TRO 588, u dan ghad dannu tal-Falco Transport u terzi persuni ohra, liema serq hu aggavat bix-xorta tal-haga misruqa.
2. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa (diesel), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

3. U aktar talli lil Alan Azzopardi wahdu kiser is-sentenza sospiza datatat 13 ta' Frar, 2012.
4. U aktar talli lil Alan Azzopardi wahdu, kiser ordnijiet ta' probation.
5. U aktar talli lil Alan Azzopardi wahdu, irrenda ruhu recediv b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru deffenitivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(g), 271(g) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li kull wiehed mill-imputati ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlif ghat-tieni wahda u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni, cioe dik ta’ ricettazzjoni, hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, cioe dik ta’ serq.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi kull wiehed mill-imputati ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlif ghat-tieni wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni, dik ta’ ricettazzjoni, hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni (ta’ serq) li giet ammessa miz-zewg imputati; il-Qorti ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja kull wiehed mill-imputati u l-fedina penali ta kull wiehed minnhom, kif ukoll il-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati ghandhom problema b’l-abbuz tad-droga pero huma jixtiequ jibdew programm ta’ riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li rat l-artikoli 261(g) u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Stephen Cassar** hati ta’l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni moghti kontestwalment inkluz dak li jaghmel programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

U fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(g) u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Alan Azzopardi** hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah (16) sittax il-xahar prigunerija, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed iddahhal fis-sehh is-sentenza ta' tmien (8) xhur prigunerija li nghata permezz tas-sentenza tat-13 ta' Frar 2012 u in konkluzzjoni taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom instab hati fil-11 ta' Frar 2012 u li dwarhom tpogga taht ordni ta' probation u dan minghajr pregudizzji ghat-tkomplija fis-sehh ta' dak l-ordni. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat jinghata kull ghajnuna kontra il-vizju tad-droga inkluz, jekk u meta jkun il-kaz, li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Stephen Cassar fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------